MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' April, 2014

Appell Civili Numru. 11/2012

Appell **Nru 11/2012GC**

**Rosario Bonnici**

**vs**

**Cutajar Ltd.**

Il-Qorti

Rat li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 ippronuzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi (Avviz numru CCT190/10):-

*"It-Tribunal*

*Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-17 ta' Mejju, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifuzjoni ta' hames mija u hamsin ewro (€550), rapprezentanti prezz ta' solar water heater li qed juri sinjali ta' difetti fuq l-estern tat-tank fejn ikun mahzun l-ilma.*

*L-intimat ipprezenta risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attenda ghas-seduta.*

*Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rapprezentant tas-socjeta' intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;*

*Ikkunsidra s-segwenti:*

*Ir-rikorrenti issottometta bil-miktub illi huwa xtara solar water heater u t-tank ta' l-ilma beda jkollu diversi ghafsiet illi ghalkemm ghadu jsahhan, ir-rikorrenti qed jinkwieta li s-solar water heater se jkollu hsara permanenti.*

*L-intimat issottometta bil-miktub illi s-solar water heater ghandu seba' snin garanzija u ma jistax jiggarantixxi li t-tank ta' l-ilma jzomm il-kundizzjoni estetika bhal meta jkun gdid, minhabba l-fatt li dawn l-ghafsiet setghu graw b'rizultat ta' xi elementi u ghalhekk rnhux it-tort tieghu. .*

*It-Tribunal jinnota illi:*

*It-Tribunal jinnota illi ghalkemm it-tank ta' l-ilma huwa parti mis-sistema kollha u li ghalkemm 1-ghafsiet jidhru evidenti mir-ritratti, rnhux qed ixekkel l-uzu tas-solar water heater.*

*It-Tribunal, xorta jikkonkludi li solar water heater huwa appozitament impoggi barra u li allura ghandu jiflah ghall-elementi kollha u rnhux inhargu dawn l-ghafsiet illi jidhru evidenti u li huma ta' certu portata, li eventwalment jistghu jwasslu ghall-hsarat permanenti fit-tank ta' l-ilma.*

*Ghal dawn il-motivi:*

*It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' intimata."*

**Rat** li s-socjeta' intimate Cutajar Limited hasset ruhhha aggravata bl-imsemmija sentyenza u ghalhekk interponiet appell minnha quddiem din il-Qorti.

**Rat** ir-rikors tal-appell tas-socjeta' appellanti Cutajar Limited fejn gie premess:-

Illi permezz ta' avviz prezentat fiz-17 ta' Mejju 2010, ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' hames mija u hamsin euro (€550) rapprezentanti prezz ta' solar water heater li qed juri sinjali ta' difetti fuq l-estern tat-tank fejn ikun mahzun l-ilma;

Illi s-socjeta ntimata appellanti kienet ikkontestat din it-talba trimte ir-risposta formali taghha;

Illi permezz ta' sentenza datata 27 ta' Gunju 2012, it-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur iddecieda billi laqa in parte t-talba tar-rikorrenti u ordna lis-socjeta' ntimata sabiex thallas l-ammont ta' erba mitt euro (€400), bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' ntimata;

U peress illi s-socjeta' ntimata appellanti hasset ruhha aggravata b'din is-sentenza, hija ghalhekk qieghda tinterponi umili appell minnha tramite l-odjern rikors;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dana jinsab fis-segwenti:-

1. Illi fl-ewwel lok, qabel xejnu fuq punt ta natura procedurali, jigi rilevat li s-sentenza in kwistjoni giet pronunzjata bi vjolazzjoni tal-artikolu 23(2)(a) Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta in vista tal-fatt li dn giet deciza madwar sentejn u erba' xhur wara l-prezentata tal-istess u kwindi certament mhux dak inhar tas-smiegh;
2. Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu jinghad li s-sentenza in kwistjoni hija ghal kollox zbaljata legalment ghar-ragunijiet hawn taht elenkati:-

a. Jidher li s-sentenza giet deciza fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura purament ipotetici u mhux materjali u fattwali. Fil-fatt la rrizulta li r-rikorrent sofra xi danni u jew hsarat mit-thaddim tal-impjant, la rrizulta li l-impjant kellu xi hsara u wisq anqas ma rrizulta li kien afflitt minn xi difett;
b. Fil-fatt ghal kuntrarju rrizulta u gie ammess li dan l-apparat, li nxtara diversi snin qabel ma gie prezentat l-odjern avviz, ghadu qed jiffunzjona tajjeb u li l-ghafsiet minn barra ma kienux qed ixekklu l-uzu tieghu;

c. Illi ghal xi raguni nspjegabbli, pero' certament ghal raguni legalment ingustifikata, it-Tribunal ikkonkluda xorta wahda li dawn l-ghafsiet "eventwalment jistghu jwasslu ghal hsarat permanenti fit-tank ta' l-ilma".
d. Tali konsiderazzjoni hija legalment zbaljata peress illi wiehed jista' biss jigi kkundannat ihallas danni materjali u effettivi u mhux danni ipotetici u/jew li 'eventwalment jistghu jwasslu …"
e. Barra minn hekk jinghad ukoll li t-Tribunal tal-Konsumatur ma ghandux il-kompetenza Teknika biex jghaddi tali kunsiderazzjonijiet wahdu per se u wisq anqas li jiddeciedi fuqhom jekk ma jkunx talab assistenza teknika. Fil-fatt wiehed isib diversi sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) proprju minn decizjonijiet ta' dan it-Tribunal fejn l-istess gew varjati jew addirittura revokati ghal kollox fuq dan il-punt;
f. Lanqas ma jirrizulta mill-istess decizjoni tat-Tribunal kif giet likwidata s-somma ta' €400 partikolarment meta tqis il-fatt li l-impjant in kwistjoni kien jiswa €550 bhala gdid u li dan kien ilu li nxtara madwara sitt snin qabel a multo magis li sa dak inhar tas-sentenza kien ghadu qed jaqdi dmiru u jiffunzjoni tajjeb;
g. Ir-rikorrent qed jilmenta mill-fatt li l-impjant zviluppa xi ghafsiet minn barra wara li kien ilu nstallat xi sitt snin fuq il-bejt tieghu. Dar min kien responsabbli ud war kif sehhew dawn l-ghafsiet ma ngabitx prova wahda u wisq anqas ngabet prova mir-rikorrenti li dawn l-ghafsiet graw minhabba xi difett intrinsiku fl-apparat de quo. Ghalhekk ir-rikorrent naqas bil-kbir li jissoddisfa ir-regoli bazici procedurali li thaddan il-Ligi Maltija cioe' "min jallega jrid igib il-prova" u li jrid iressaq il-provi sal-grad ta' bilanc ta' probabbilita'. F'dan il-kaz ma ssib xejn minn dan.

Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta appellanti qed titlob li din il-Qorti joghgobha thassar, tannulla u tirrevoka s-sentenza precitata moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi fl-ismijiet premessi u datata 27 ta' Gunju 2012.

Bl-isejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat Rosario Bonnici.

**Rat** ir-risposta tal-appell tal-appellat Rosario Bonnici fejn gie sottomess:-

Illi s-sentenza tas-27 ta' Gunju 2012 fl-ismijiet premessi hija gusta u legalment korretta u timmerita li tigi kkonfermata bl-ispejjez fl-intjier taghha ghas-segwenti ragunijiet -

Illi in linea preliminari jigi umilment eccepit li din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tisma' u tiddeciedi dan l-appell, u dan ghaliex l-appell gie ntavolat fuq bazi ta' mertu. Jinghad li din ma taqax f'wahda mill-kategoriji skond liema jista' jigi ntavolat appell taht l-Artikoli 22(2) u (3) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdu li "appell jista' jsir fil-kazijiet li gejjin:

a. Fuq kull haga li jkollha x;taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal; jew
b. Fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew
c. Meta t-tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella.

Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-kazijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu (20), jaqbez l-ef u mitejn euro."

Illi jidher car ghalhekk li l-appell intavolat mis-socjeta' appellanti jaqa' barra mill-gurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti u ghandu jigi respint minnufih.

Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari u in subordinazzjoni ghall-istess, is-socjeta' appellanti tidher li qieghda tibbaza l-aggravju taghha fuq is-segwenti -

1. Li preliminarjament u fuq punt procedurali, is-sentenza giet pronunzjata in vjolazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap.378 tal-Ligijiet ta' Malta, stante li din giet deciza madwar sentejn u erba' xhur wara l-prezentata tal-istess u quindi mhux dakinhar tas-smigh;

2. Li fit-tieni lok, is-sentenza tas-27 ta' Gunju 2012 hija ghal kollox zbaljata legalment.

L-ewwel aggravju - li s-sentenza giet pronunzjata madwar sentejn u erba' xhur wara l-prezentata tal-istess u quindi mhux dak inhar tas-smigh.

Illi s-socjeta' appellanti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 23(2)(a) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsurnatur, Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta, li jipprovdi li "bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), arbitru – (a) ghandu jizgura li kaz ghandu, daqskemm ikun b'mod ragonevoli possibbli, jinqata' fl-istess jum tas-smiegh tieghu" (enfasi tal-esponent). Jidher car mill-parti tad-dispozizzjoni sottolineata li principju li kaz ghandu jinqata' fl-istess jum tas-smigh tieghu huwa soggett ghac-cirkostanzi tal-kaz u d-diskrezzjoni tat-Tribunal u li t-Tribunal mhuwiex marbut li jaqta' kull kaz fl-istess jum tas-smigh tieghu. Jinghad ghalhekk li dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju u m'ghandux in ogni caso jkun mertu ta' appell u ghandu jigi deciz bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

It-tieni aggravju - li s-sentenza tas-27 ta' Gunju 2012 hija ghal kollox zbaljata legalment.

Illi s-socjeta' appellanti bbazat it-tieni aggravju taghha fuq is-segwenti ragunijiet-

a) Li s-sentenza giet deciza fuq konsiderazzjonijiet purament ipotetici u mhux materjali u fattwali;

b) Li l-apparat ghadu jiffunzjona tajjeb u l-ghafsiet ta' barra ma xekklux l-uzu tieghu;

c) Li t-Tribunal izda xorta kkonkluda li dawn l-ghafsiet eventwalment jistghu jwasslu ghal hsarat permanenti fit-tank tal-ilma;

d) Li t- Tribunal kellu jikkundanna lis-socjeta' appellanti thallas danni materjali u mhux danni ipotetici;

e) Li t- Tribunal m'ghandux il-kompetenza teknika biex jghaddi tali konsiderazzjonijiet wahdu;

f) Li ma jirrizultax mid-decizjoni kif it-Tribunal illikwida s-somma ta' €400;

f) Li ma ngabitx prova wahda dwar min kien responsabbli u dwar kif sehhew 1-ghafsiet fuq l-apparat.

Dwar l-aggravju tas-socjeta' appellanti li s-sentenza giet deciza fuq konsiderazzjonijiet purament ipotetici u mhux materjali u fattwali, jinghad li bil-kontra ta' dak allegat minnha, id-decizjoni tal-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur kienet ibbazata fuq il-fatt materjali li s-solar water heater kellu difetti fuq l-estern tat-tank fejn ikun mahzun l-ilma, fatt inkontestabbli li gie ppruvat konklussivament mill-esponenti appellat waqt il-gbir tal-provi quddiem l-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. Jinghad ukoll li s-socjeta' appellanti ma write l-ebda interess li tevalwa l-hsara sostnuta fis-solar water heater, anke wara li 1-esponenti kien ikkuntattja lis-socjeta' appellanti fl-2009. Ghalhekk jigi umilment sottomess li s-socjeta' appellanti ma tistax issa, fi stajdu ta' appell, tipprova tirradrizza l-agir taghha stess. L-istess jinghad ukoll ghall-aggravju tas-socjeta' appellanti li t-Tribunal kellu jikkundanna lis-socjeta' appellanti thallas danni materjali u mhux danni ipotetici. Huwa sottomess li dawn l-aggravji ghandhom jigu respinti.

Dwar l-aggravju tas-socjeta' appellanti li l-apparat "ghadu qed jiffunzjona tajjeb u 1-ghafsiet minn barra ma kienux qed ixekklu l-uzu tieghu," jinghad bir-rispett li dan ir-ragunament juri l-atitudni rresponsabbli u xejn serja tas-socjeta' appellanti, li tirraguna li minkejja l-fatt li l-apparat in kwistjoni ma lahaqx l-aspettattivi tal-esponenti appellat skond l-ispecifikazzjonijiet tal-istess, anzi aghar ghaliex hargulu difetti li saru evidenti biss wara perjodu ta' zmien li fih kien installat l-apparat in kwistjoni, hija m'ghandhiex tinzamm responsabbli ghall-istess ghaliex xorta baqa' jiffunzjona. Bl-istess ragunament, jekk l-istess difett kien johrog fug pjanca ta' karozza gdida, kien jigi argumentat li la darba din il-karozza setghet tkompli tinsaq, il-konsumatur ma setax jitlob ir-rifuzjoni tal-ammont ta' danni sofferti. Ghalhekk, jigi umilment sottomess li dan l-aggravju wkoll ghandu jigi respint.

Dwar l-aggravju tas-socjeta' appellanti li t-Tribunal inspjegabilment ikkonkluda li dawn l-ghafsiet eventwalment jistghu jwasslu ghal hsarat permanenti fit-tank tal-ilma, jinghad li a contrario, l-esponent appellat wera li l-fatt li hargu dawn id-difetti fl-estern tas-solar water heater juri bie-car li dan jirrizulta minn difett intern li qieghed ixekkel il-potenzjal tas-shana tal-ilma li kapaci jiggenera solar water heater li m'ghandux id-difetti tal-heater in kwistjoni. Ghalhekk jigi umilment sottomess li dan l-aggravju wkoll ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Dwar l-aggravju li t-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur m'ghandux il-kompetenza teknika sabiex jghaddi tali konsiderazzjonijiet wahdu, l-esponent appellat umilment jissottometti li se mai, din l-eccezzjoni kellha titqajjem fil-bidu tal-proeeduri quddiem l-Onorabbli Tribunal, u mhux issa fi stadju ta' appell. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent appellat jirreferi lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell ghall-Artikolu 20(1) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, li kjarament juri li la darba 1-ilment kien jaqa' taht wahda miz-zewg kategoriji ta' dik id-dispozizzjoni, it-Tribunal kellu kompetenza teknika sabiex jiddeciedi dwar l-istess. Ghalhekk jinghad li fir-rigward ta' dan l-aggravju wkoll, l-esponent appellat umilment jitlob li dan jigi respint bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Fir-rigward tal-aggravju tas-socjeta' appellanti li ma jirrizultax mid-decizjoni kif it-Tribunal illikwida s-somma ta' erba' mitt ewro (€400), jigi umilment sottomess li a contrario ta' dak allegat mis-socjeta' appellanti, l-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ipprovda raguni a bazi ta' liema wasal ghad-decizjoni tieghu, senjatament li "ghalkemm l-ghafsiet jidhru evidenti mir-ritratti, mhux qed ixekkel 1-uzu tas-solar water heater. It- Tribunal, xorta jikkonkludi li solar water heater huwa appozitament impoggi barra u li allura ghandu jiflah ghall-elementi kollha u biex hargu dawn l-ghafsiet illi jidhru evidenti u li huma ta' certu portata, li eventwalment jistghu jwasslu ghall-hsarat permanenti fit-tank tal-ilma" Ghalhekk l-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti li d-decizjoni tat-Tribunal ma kinetx ben motivata hija bla bazi u ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-istess.

Finalment, rigward l-aggravju tas-socjeta' appellanti li ma ngabitx prova wahda dwar min kien responsabbli u dwar kif sehhew l-ghafsiet fuq l-apparat, l-esponent appellat jistrieh fuq il-provi migjuba quddiem l-Onorabbli Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur li a bazi taghhorn, l-istess Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu u ulterjorment jissottometti bir-rispett li din hija kwistjoni ta' fatti u mhux ta' teorija - jidher car li d-dannu jezisti u ma jirrizultax li dan id-dannu rrizulta minn imkien iehor ghajr difett fis-solar water heater innifsu u ghalhekk, dan l-aggravju wkoll ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti.

Ghalhekk l-appellat qed jitlob li din i1-Qorti joghgobha tirrispingi t-talba tas-socjeta' appellanti u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata. Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-proceduri odjerni, kontra s-socjeta' appellanti.

**Rat** l-atti l-ohra kollha tal-appell kif ukoll l-atti kif komplilati quddiem l-ewwel Qorti cioe’ t-Tribunal ghat-talbiet tal-Konsumatur.

**Rat** id-dokumenti kollha esibiti.

**Semghat** is-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet.

**Rat** li l-appell gie differit sabiex tinghata s-sentenza.

**Ikkonsidrat:**

Dan hu appell minn sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tas-27 ta' Gunju 2012.

L-appell gie interpost mis-socjeta’ intmata Cutajar Limited. L-appellat Rosario Bonnici kien li inizja dawn il-proceduri quddiem l-imsemmi Tribunal u fl-avviz relattiv huwa talab li s-socjeta’ appellanti tigi kkundannata tirrifondi is-somma ta’ hames mija u hamsin ewro (€550), rapprezentanti prezz ta' solar water heater li kien qed juri sinjali ta' difetti fuq l-estern tat-tank fejn ikun mahzun l-ilma. Fl-istess avviz l-imsemmi rikorrenti, issa appellat, ippremetta li akkwista l-istess solar water heater u wara certu zmien bdew jidhru xi ghafsiet fit-tank ta' l-ilma tal-istess water heater. Ir-rikorrenti ddikjara li l-water heater kien baqa jiffunzjona u jsahhan, pero’ hass li setghet tizviluppa hsara permanenti minhabba l-imsemmija hsarat.

L-intimati appellanti rrispondew billi ddikjaraw li l-water heater in kwestjoni ghandu seba' snin garanzija pero’ huma ma stghux jiggarantixxu li t-tank ta' l-ilma kien ser izomm il-kundizzjoni estetika kif meta l-ewwel li twahhal. Inoltre l-ghafsiet lamentati mir-rikorrenti setghu graw kawza tal-elementi u kwindi hu zgur li l-istess hsarat ma grawx tort taghhom.

It-Tribunal ddecieda din il-vertenza billi laqa t-talba tar-rikorrenti appellat u b’hekk ordna li s-socjeta' intimata appellanti thallas l-ammont ta' erba' mitt ewro (€400). It-Tribunal ordna ukoll li l-ispejjez tal-proceduri kellhom jithallsu mill-istess socjeta' intimata.

Is-socjeta’ intimata interponiet appell mill-imsemmija decizjoni. L-ewwel aggravju taghha hu ta’ natura procedurali. L-appellanti jaghmlu referenza ghall-artikolu 23(2)(a) tal-Kap.378 tal-Ligijiet ta’ Malta u jissottomettu li l-imsemmija decizjoni nghatat bi vjolazjoni tad-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu stante li l-vertenza giet deciza zmien wara li gie presentat ir-rikors promotur u ma gietx deciza dak in-nhar tas-smiegh, kif jiddisponi l-imsemmi artikolu.

Hawnhekk l-appellanti naqsu li jikkwotaw l-artikolu intier. Naqsu li jsemmu li l-artikolu ma jghidx biss li l-vertenza trid tigi deciza fil-gurnata tal-ewwel smiegh izda jzid jipprovdi li “daqskemm ikun b’mod ragjonevoli possibbli l-vertenza ghandha tigi deciza fl-istess jum tas-smiegh.”

L-artikolu in kwestjoni ma jipprovdix tassativament li l-vertenza trid tigi deciza fil-jum ta smiegh izda jistipula li kemm jista jkun possibbli l-vertenza ghandha

tigi deciza fl-imsemmi jum. Hu ovvju li f'dan il-kaz ma kienx ragjonevolment possibbli ghat-Tribunal li jiddeciedi fl-imsemmi jum. Inoltre kif gia kellha okkazjoni li tistqarr dinil-Qorti kif presjeduta hi minn natura tal-kazijiet li jingiebu quddiem it-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur li dawn jigu decizi kemm jista jkun malajr u ghallhekk il-ligi li istitwit l-istess Tribunal tghamilha cara li l-vertenzi li jingibu quddiem it-Tribunal ghandhom jinqatghu malajr, pero' l-istess ligi fl-ebda hin ma timponi li l-istess vertenzi ghandhom jigu decizi propju fl-istess jum tas-smiegh. Il-ligi kemm jista jkun ittendi li tali vertenzi ma jdumux milli jigu decizi. Ghalhekk ovvjament dan l-ewwel aggravju jimmerita li jigi respint.

Fit-tieni aggravju taghom l-appellanti jissottmettu li s-sentenza giet deciza "fuq kunsiderazzjonijiet ta' natura purament ipotetici u mhux materjali u fattwali." F'dan ir-rigward l-appellanti jissottometu li ma jirrizultax li l-appellat sofra xi danni materjali ghar-rigward tal-funzjonament tal-"water heater," li lanqas ma jidher li ghandu difetti f'dan ir-rigward. Inoltre l-ghafsiet in kwestjoni mhux qed ifixxklu l-funzjonament tal-istess aggeg, li jirrizulta li gie akkwistat snin qabel ma bdew jidhru l-imsemmija ghafsiet.

L-appellat fis-sottomissjonijiet tieghu dwar dan it-tieni aggravju ma apprezzax ghal kollox in-natura tal-istess sottomissjonijiet tal-appellanti. In effett l-appellat, f'dan ir-rigward, jishaqq fuq il-fatt li d-decizjoni appellata kienet "ibbazata fuq il-fatt materjali li s-solar water heater kellu difetti fuq l-estern tat-tank." Effettivament dan il-fatt gie kkonfermat fl-istess decizjoni tat-Tribunal, kif ukoll gie kkonfermat, dejjem fid-decizjoni appellata, li l-"solar water heater" kien qed jiffunzjona perfettament, nonostante li, zmien wara li beda jintuza, deheru l-imsemmija ghafsiet. Ghalhekk jidher li ma tirrizultax raguni fattwali ghala t-Tribunal kellu jillikwida danni a favur tal-appellat meta ma tirrizulta ebda hsara materjali li seta sofra l-appellat. In effett jidher li t-Tribunal wasal biex jilikwida d-danni a favur tal-appellat minhabba l-fatt li l-ghafsiet kienu ta' certa entita' u portata, li eventwalment setghu jwasslu ghall-hsarat permanenti fit-tank ta' l-ilma. L-appellanti hawnhekk huma korretti stante li dawn il-konsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma purament ipotetici.

It-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-fatt li nonostante li ma jirrizultax li l-appellat sofra xi dannu materjali, xorta wahda huwa ghadda biex illikwida danni favur l-appellat u dan in vista tal-fatt li solar water heater, bhal dak in kwestjoni, generalment jitqieghed barra fl-apert u ghalhekk hu dejjem espost ghall-elementi tat-temp u kwindi ghandu jkun maghmul b'tali mod li jiflah ghall-istess elementi, mentri, fil-kaz in ezami deheru l-ghafsiet u kien ghalhekk

li t-Tribunal deherlu li kellu jghaddi biex igieghel lis-socjeta' appellanti thallas ammont bhala danni. F'dan ir-rigward lit-Tribunal irrizultalu li t-tank tal-water heater ma kienx tajjeb sabiex jilqa ghall-elementi, stante li deheru l-ghafsiet u kwindi, ghat-Tribunal, potenzjalment l-apparat in kwestjoni setgha isofri dannu permanenti.

Hawnhekk jidher li t-Tribunal applika l-principji tal-ekwita', kif ghandu kull dritt li jaghmel skond il-provedimenti rilevanti tal-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, li hi l-Ligi applikabbli appuntu ghat-Tribunal tal-Konsumatur. Kif hu ben risaput, pero', sabiex jigu applikati l-imsemmija principji ghandu dejjem jkun hemm bazi fil-ligi. Jidher pero' li, issa, hu accettat li f'certi kazijiet partikolari jigu koncessi dawk li jissejjhu bhala danni morali, kif appuntu jidher li gara fil-kaz in ezami. L-ghan sabiex jigu applikati l-principji tal-ekwita' hu li finalment jittrionfa dak li hu gust. Hawnhekk it-Tribunal deherlu, korrettement, li kellhom jigu applikati l-imsemmija principji u ghalhekk ghadda biex jillikwida tali danni morali u ordna lill-appellanti jhallsu l-ammont ta' erba mitt euro (€400) lill-appellat. L-imsemmija somma ta' €400 giet likwidata minnflok is-somma li giet mitluba mill-appellat fir-rikors promotur. Infatti l-appellat fir-rikors promotur talab li s-socjeta' appellanti tigi kkundannata tirrifondi l-ammont li thallas bhala prezz tal-apparat allegatament avarjat.

Din il-Qorti thoss, pero', li l-imsemmi ammont likwidat hu eccessiv, tenut kont tal-fatti rizultanti u tac-cirkostanzi kollha rilevanti tal-kaz, in partikolari li l-ghafsiet deheru zmien wara li nxtara l-apparat u li l-apparat baqa jiffunzjona perfettament anke wara li deheru l-imsemmija ghafsiet. Din il-Qorti thoss li l-imsemmi ammont ghandu jitnaqqas ghas-somma ta' mija u tmenin euro (€180).

Kwantu ghall-aggravji l-ohra jista jinghad li t-Tribunal ma ddeciedix kwestjonijiet teknici u kwindi seta jasal ghall-konkluzjonijiet li wasal ghalihom. Hu minnu li t-Tribunal ma ggustifikax u ma specifikax kif wasal ghall-ammont li eventwalment gie likwidat. Pero' l-fatti tal-kaz huma ftit u semplici u ghalhekk jista facilment jigi desunt ghaliex giet likwidata somma bhala danni. Din il-Qorti gia ddikjarat li fic-cirkostanzi kollha partikolari s-somma li wasal ghaliha t-Tribunal hi eccessiva u ghandha tigi ridotta. Hu ukoll evidenti li l-ghafsiet irrizultaw bhala effett tal-elementi li ghalihom hu espost. Dan if-fatt gie

konsidrat mit-Tribunal u l-konkluzjoni tieghu hi logika u cioe’ li t-tank kien suppost maghmul biex jitqieghed fl-apert u ghalhekk kellu jiflah ghax-xemx, l-irjiehat, ix-xita u l-elementi l-ohra kollha fl-atmosfera. F’dan ir-rigward ma jirrizultax li l-ghafsiet graw minhabba xi fenomenu specjali.

In vista ta’ dak kollu li gie premess is-sentenza appellata timmerita li tigi riformata billi s-somma li l-appellanti ghandom ihallsu lill-appellat tigi ridotta ghall-imsemmija somma ta’ mija u tmenin euro (€180).

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi tilqa parzjalment l-appell tas-socjeta’ appellanti u b’hekk tirriforma d-decizjoni appellata tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur tas-27 ta' Gunju 2012 u dan billi tordna lis-socjeta’ appellanti thallas lill-appellat s-somma ta euro mija u tmenin (€180) filwaqt li tikkonferma l-kumplament tal-istess decizjoni appellata, inkluz il-kap tal-ispejjez. B’hekk ukoll l-appellat m’ghandu ebda obbligu li jirritorna l-apparat in kwestjoni.

Spejjez ta’ dan l-appell jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------